KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 25

**L-Erbgħa 24 ta' Frar 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku (wasal fis-6:00pm)
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 25.1 Qari tal-Apoloġiji

25.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Mifsud. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 23

25.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

25.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 23 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 25.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sindku informa li bħalissa għaddej ix-xogħol fid-daħla tal-imtarfa dwar il-*junction* bejn l-Imtarfa u l-Bypass. Il-Kunsill approva d-disinn imma kien hemm qbil li għandu jsir suġġeriment biex isiru marki mal-art biex jindikaw li wieħed għandu jżomm fuq ix-xellug għar-Rabat u fuq il-lemin għall-Imtarfa.

25.3.2 Is-Sindku informa li kien tkellem mal-perit ta' IM dwar ix-xogħlijet pendenti fi Triq il-Konti Salv Manduca. Huwa informa li kien hemm żewġ kwistjonijiet, waħda mal-Heritage minħabba li trid tigi skavata bicca mill-għalqa fejn hemm il-*cart ruts* fil-viċin u hemm biċċa li trid tigi esproprjata mill-Awtorità tal-Artijiet. Huwa kien qed jissuġġerixxi li hekk kif din it-triq tinfetaħ u ssir aċċessibbli, il-Kunsill għandu jagħmel talba ma' TM biex tiġi fuq sistema ta' direzzjoni unika u b'hekk tagħti nifs lill-parti d-dejqa ta' Triq l-Imtarfa (quddiem il-ħwienet).

25.3.3 Is-Sindku informa li fir-rigward tat-telgħa tal-Imtarfa, għalkemm hemm approvazzjoni mingħand TM, hemm numru ta' siġar li hemm bżonn li jiġu eliminati għax huma morda u perikolużi għax qed ixebilku għal fuq it-triq. Barra minn dan, iċ-ċint tal-bosk jinsab pjuttost imżaqqaq. Huwa informa li min-naħa ta' IM kienu talbu lill-Kunsill ifittex għal fondi minn xi lok ieħor għaliex IM ma setgħetx tagħmel dan ix-xogħol ukoll. Huwa informa li min-naħa ta' IM kienu offrew li jassistu billi jipprovdu s-servizz ta' perit biex ifassal il-BOQ.

25.3.4 Is-Sindku informa li kien tkellem mal-Perit ta' IM dwar bżonn ta' *resurfacing* fl-ewwel parti ta' Triq l-Imtarfa, il-parti d-dejqa nett u talbu biex tiġi rranġata.

25.3.5 Huwa informa li dwar ir-rampa ta' Binja Buqana, din kienet se ssir fil-ġimgħat li ġejjin minn Infrastructure Malta.

25.3.6 Is-Sindku informa li kienet se tinżamm laqgha oħra mar-rappreżentant mill-Ministeru tal-Onorevoli Silvio Schembri.

## 25.4 Ċirkulari DLG Talba għall-fondi ta' aġġustament għas-sena 2021

25.4.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien qed jiġi mitlub li l-Kunsill Lokali jinforma lid-DLĠ li jixtieq li jingħata l-ammont ta' €3000 għall-fondi tal-aġġustament u jagħti wkoll raġuni valida għaliex. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li għandha ssir it-talba fuq il-filmat li għandu jinħadem aktar tard din is-sena biex jintwera fil-*Visitors Centre*.

## 25.5 Rapport tal-Bord tal-Intervisti għal Uffiċjal Eżekuttiv

25.5.1 Is-SE infurmat li min-naħa tal-JobsPlus kienu għaddewlha lista ta' madwar 16-il persuna li setgħu jitfgħu l-applikazzjoni però 3 biss kienu wrew interess fil-vakanza. Sadanittant ukoll kienet attendiet għall-intervista persuna waħda biss, li wara l-intervista ħareġ biċ-ċar li ma kinitx ideali għad-deskrizzjoni tax-xogħol li kienet qed tapplika għalih.

25.5.2 Għaldaqstant is-SE infurmat li kienet għaddiet talba ġdida lill-JobsPlus biex jgħaddulha l-lista li jmiss.

25.5.3 Sadanittant infurmat li l-aħħar ġurnata tal-APO fl-uffiċċju kienet se tkun il-Ġimgħa 12 ta' Marzu għalkemm ġentilment kienet aċċettat li tkompli tidħol is-Sibtijiet sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli jopera.

25.5.4 Hawnhekk is-SE infurmat li fiċ-ċirkostanzi, sakemm ma tinstabx persuna oħra li tista' taħdem 40 siegħa fil-ġimgħa, ma kellhiex alternattiva oħra ħlief li tiftaħ l-uffiċċju filgħodu biss għalkemm se jkun hemm ġranet meta lill-iskrivana se jkollha ddaħħalha wkoll xi sigħat *overtime* biex isir ċertu xogħol neċessarju ta' *back office*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 25.6 *Update* dwar proġetti

25.6.1 Is-SE infurmat li fil-preżent kienu għaddejja numru ta' xogħlijiet u proġetti u għaldaqstant tat *update* ħafifa fuqhom:

25.6.2 Il-proġett tar-restawr tal-arloġġ kien wasal fit-tmiem tiegħu u aktar kmieni dik il-ġimgħa min-naħa tal-PPCD kienu infurmawha li wara t-talba għal numru ta' varjazzjonijiet fuq il-kuntratt oriġinali, kienu aċċettaw li jgħaddu biss 75% tal-fondi u jkun hemm ukoll tnaqqis ta' 5% tal-*management fee*. Dan kien ifisser li minn total ta' €143,553.15, huma kienu se jħallsu l-ammont ta' €107,664.86 (inkluż il-VAT) filwaqt li l-bilanċ totali tal-Kunsill kien se jkun ta' €43,443.72 (inkluż il-VAT). Sadanittant kienu bagħtu wkoll kommunikazzjoni oħra fejn tgħid li l-Kunsill għandu d-dritta li jfittex sorsi oħra ta' introjtu jew fondi għall-kumplament tax-xogħlijiet fuq dan il-proġett. Kien hemm qbil li s-SE xorta waħda għandha tagħmel talba għal aktar fondi.

25.6.3 Hija infurmat li kien hemm ukoll żviluupp ġdid fir-rigward ta' deċiżjoni li ttieħdet il-ġimgħa ta' qabel fir-rigward tal-kuntrattur tal-M&E's fejn dan skopra li l-*units* li kienu speċifikati fuq l-offerta tal-VC ma kinux se jibqgħu jiġu kkummissjonati u għaldaqstant kien qed jagħmel talba għal varjazzjoni. Min-naħa tal-inġiniera tal-Kunsill kienu għamlu evalwazzjoni tal-i*specifications* u t-talba l-ġdida u jidher li l-*units* li se joffri kienu xorta jissodisfaw l-

i*specifications* u li b'mod komplessiv il-qawwa tagħhom kienet ikbar minn dawk oriġinali u l-prezz ma kienx se jinbidel. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan u s-SE se terġa' twassal it-talba l-ġdida lid-DLG.

25.6.4 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-proġett ta' Ġnien is-Sinjura kien ġie identifikat lok ġdid (eżatt fuq il-belveder) minħabba li wara *survey* li sar skoprejna li kienu se jiġu eżatt fuq il-ġiebja u għaldaqstant inħass li aħjar li dawn jitpoġġew aktar 'il barra. Sdanittant taħt il-gazebo kienu se jitwaħħlu 4 bankijiet simili ta' kif kien hemm qabel. Hi infurmat li kienet se ssir laqgħa biex jibda x-xogħol fil-viċin minħabba li l-Perit inqabad bi kwarantina obbligatorja.Sadanittant kienu twaħħlu l-*open library* kif ukoll żewġ strutturi għar-roti (li minnhom bdew jitwaħħlu anke oħrajn madwar il-lokalità).

25.6.5 Il-proġett tal-pjazza: Kienet saret laqgħa oħra fuq il-post u bħalissa kienu għaddejjin ħafna kommunikazzjonijiet biex jitħejjew pjanijiet u offerti min-naħa tal-Ministeru għall-bidu tax-xogħlijiet meħtieġa.

25.6.6 Is-SE infurmat li s-Sindku diġà kien ta rendikont dwar il-proġett ta' Triq il-Kavallier Bonello. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel it-talba ma' Ambjent Malta u/jew ma' xi Ministeri oħra li jistgħu jagħtu l-għajnuna.

25.6.7 Is-Sindku u s-SE kienu wkoll attendew għal laqgħa onlajn dwar l-istudju li se jkun qed isir dwar il-proġett tal-iSlowStreets minn Studjurban fejn taw dettalji tal-ħsibijiet u xewqat tal-Kunsill fir-rigward tal-lokalità tagħna. Dawn kienu infurmaw li kienu se jagħmlu *site visit* biex jaraw il-proposti tal-Kunsill u mbagħad jgħaddulna l-istudju u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

25.6.8 Is-SE kienet bagħtet id-dokumentazzjoni meħtieġa lil TM dwar il-proġett tal-mobilità u għalissa kienet għadha qed tistenna risposta lura mingħandhom. Sadanittant kienet tellgħet link fuq il-paġna ta' *facebook* sabiex ir-residenti jipparteċipaw fi stħarriġ u ħeġġet lill-Kunsilliera jixxerjawha. Sadanittant kienet għamlet talba lil TM biex jgħaddu porzjon tas-somma bil-quddiem.

25.6.9 Il-proġett tal-irrigazzjoni kien beda, eżattament bi tpoġġija ta' pajpijiet fi Ġnien is-Sinjura għalissa. Hija infurmat li sadanittant kien hemm bżonn li jsiru xi emendi fuq is-sistema elettronika biex jagħtu l-elettriku lis-sistema tal-irrigazzjoni. Fuq l-istima li kellha, ma' dawn ix-xogħlijiet kellha wkoll madwar €3,000 oħra għal installazzjoni ta' dawl mal-gazebo kif ukoll għal *point* minħabba d-dekorazzjonijiet tal-Milied. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li ovvjament dawn ma kinux ġew inkluża fil-baġit tal-Kunsill u għadaqstant m'hemmx fondi għalihom. Min-naħa l-oħra l-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru mill-ewwel max-xogħlijiet. Is-SE għandha tivverifika jekk hemmx xi possibbiltà li l-Kunsill jieħu aktar flus mill-fondi tal-PA. Sadanittant għandha tmexxi bl-ordni tax-xogħlijiet mal-kuntrattur tad-dawl.

25.6.10 Fir-rigward tal-proġett tal-LC Care, infurmat li kienu bdew jitqassmu l-vawċers tan-*neutering* kif ukoll għall-ikel tal-qtates. Hija infurmat li l-ammonti kienu tqassmu ugwalment bejn il-*cat feeders* skont l-informazzjoni li kienu għaddew. Hija infurmat li dawn kienu ħadu gost ħafna għalkemm kien hemm persuna waħda li kienet qed tikkontesta l-għażla tal-ħanut u li kienet qed tagħmel diversi rapporti kontra l-Kunsill Lokali. Hija infurmat li fil-preżent, kienet qed tipprova ssib metodu biex titħaddem is-sistema tal-ħlasijiet tal-veterinarju kif ukoll biex jinstabu kwotazzjonijiet għax-xiri tal-*cat shelters* u *doggie bins*.

25.6.11 Fl-aħħarnett infurmat ukoll li kienet għaddejja bil-proċess tal-applikazzjoni għall-fondi tal-MAGF, għall-proġetti tal-kreazzjoni ta' *fruit forest* bejn l-eks *barracks* u x-xogħol fuq il-bosk.

Hija kienet qed tispera li jirnexxielha tiġbor l-informazzjoni kollha biex tissottometti l-applikazzjoni sal-aħħar ta' Marzu.

## 25.7 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

25.7 Il-Kunsillier Mifsud ma kinitx attendiet għal-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm x'jiġi rrappurtat.

## 25.8 Punti Oħra

25.8.1 Is-Sindku informa li diversi kunsilli lokali qed jidħlu fi ftehim ma' stabbiliment tal-*IT services* biex jaghti ċertu servizzi bla ħlas lir-residenti. Il-Kunsill Lokali kien mitlub li jħallas €5000 plus VAT fis-sena għal dan is-servizz. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li għalkemm l-inizjattiva hija tajba sfortunatament il-Kunsill ma kellux fondi biex jidħol għaliha. Is-Sindku informa li din il-persuna kienet lesta li tiġi tagħti spjega dwar is-servizz u minħabba ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-Kunsill kien lest li jidħol fi ftehim mal-Kunsill biex il-ħlas isir aktar 'il quddiem. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel riċerka anke ma' Kunsilli oħrajn dwar dan is-servizz.

25.8.2 Il-Kunsillier Mifsud spjega li setgħet issir kommunikazzjoni ta' cables bejn l-arbli ta' Triq Dar il-Kaptan biex jixgħelu l-bozoz mitfija. Is-SE kienet se terġa' tagħmel kuntatt mal-kuntrattur.

25.8.3 Il-Kunsillir Fenech talab lis-SE sabiex tibgħat lill-ħaddiema jaqtgħu l-ħaxix ta' wara Triq Gregorio Carafa.

25.8.4 Il-Kunsillier Mifsud Dimech ġibdet l-attenzjoni li fil-preżent hemm ħafna toroq li għandhom bżonn li jinqata' l-ħaxix ħażin minnhom.

25.8.5 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE dwar kwistjoni fi Triq it-Tulipani u li kellha terġa' tagħmel appuntament ma' resident wara li l-appuntament preċedenti kellu jitħassar.

25.8.9 Il-Kunsillier Mifsud staqsa jekk il-konsulent ekoloġiku kienx lesta r-rapport dwar is-*soft areas* li kien tqabbad jagħmel mill-Kunsill. Is-SE infurmat li jidhrilha li dan kien lest jew wasal biex u għaldaqstant kienet se tieħu ħsieb li tkellmu.

25.8.10 Il-Viċi Sindku informa li grupp ta' supporters tar-Rabat Ajax kienu qed jaqbżu ġol-bosk tal-Imtarfa biex isegwu l-logħob tal-futbol. Kien hemm qbil li dawk kollha li nqabdu ġewwa għandhom jitressqu l-Qorti talli daħlu fi proprjetà li kienet immarkata bħala magħluqa (trespassing) u talli għamlu l-ħsara billi kissru fencing u qalgħu knatan tal-ħitan minn posthom. Kien hemm qbil li s-SE u s-Sindku għandhom jgħaddu din l-informazzjoni lis-Supretendent.

25.8.11 Is-SE infurmat li xufier b'*readymix* kien għadda minn fuq bankina fi Triq Sir Leslie Rundle u kisser madwar 43 kaptell. Is-sid tal-kumpanija għall-ewwel kien aċċetta li jħallas imma mbagħad jidher li tkellem mal-avukat tiegħu u dan tah il-parir li ma jħallasx. Sfortunatament la kien għadu ħallas, la rranġa l-ħsara u lanqas biss qed jirrispondi l-kommunikazzjonijiet li

qed jgħaddulu.    Kien hemm qbil li se ntellgħuh il-qorti. Hawnhekk il-Kunsill fakkar lis-SE sabiex tibgħat talba lil TM għal tpoġġija ta’ bollards.

25.8.12 Is-SE infurmat li kien hemm kwistjoni ma’ kumpanija tal-cameras li kienu rebħu kuntratt għall-installazzjoni ta’ CCTV cameras fil-bosk ħames snin ilu. Sadanittant wara numru ta’ kommunikazzjonijiet ħareġ li biex jissewew dawn kienu se jiswew €795.32. Fid-dawl li qed jidħlu n-nies biex isegwu l-futbol fil-bosk, kien hemm qbil li għalkemm m’hemmx fondi allokati għalihom, il-Kunsill qabel li dawn il-cameras għandhom jiġu rranġati sabiex inkunu nistgħu naqbdu l-abbużi.

25.8.13 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Arċikonfraternità ta’ San Ġużepp rigward il-festa ta’ San Ġużepp. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

25.8.14 Is-SE infurmat li l-AKL kienet qed toffri l-possibbiltà li l-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill assikurazzjoni għal għajnuna finanzjarja fl-eventwalità li xi ħadd imut. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma’ din il-polza.

## 25.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

25.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 2/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 25.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta’ Marzu fis-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 24 ta’ Marzu 2021.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |